

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

### Leġiżlazzjoni

Volum 54

7 ta' Mejju 2011

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 439/2011 tas-6 ta' Mejju 2011 dwar deroga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 dwar id-definizzjoni tal-kunċett tal-prodotti oriġinanti li jintuża għall-finijiet tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati sabiex titqies is-twazzjoni speċjali tal-Kap Verde fir-rigward tal-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd lejn l-Unjoni Ewropea .....	1
★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 440/2011 tas-6 ta' Mejju 2011 dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa fuq prodotti tal-ikel u li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (¹) .....	4

Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2011 tas-6 ta' Mejju 2011 li jistabbi-líxxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ġaxix ... 10

#### DEĊIŻJONIJIET

★ Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/270/PESK tal-5 ta' Mejju 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo .....	12
--	----

Prezz: EUR 4

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

(¹) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2011/271/UE:

- ★ Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2011 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-ażenċiji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għas-sena finanzjarja 2010 (notifikata bid-dokument numru C(2011) 2927) ..... 15

2011/272/UE:

- ★ Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2011 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-ażenċiji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2010 (notifikata bid-dokument numru C(2011) 2958) ..... 70



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 439/2011

tas-6 ta' Mejju 2011

dwar deroga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 dwar id-definizzjoni tal-kunċett tal-prodotti oriġinanti li jintuża għall-finijiet tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati sabiex titqies is-sitwazzjoni speċjali tal-Kap Verde fir-rigward tal-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd lejn l-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [tal-Komunità]<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 89 tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 815/2008<sup>(3)</sup> il-Kap Verde ngħata żieda fil-kwantitajiet stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li permezz tagħha seta' jqis ċerti prodotti tas-sajd magħmulin fil-Kap Verde minn ħut li mhux ta' oriġini bħala li jorġinaw fil-Kap Verde. Din id-deroga skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010.
- (2) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 894/2010<sup>(4)</sup> il-Kap Verde ngħata żieda fil-kwantitajiet stipulati fl-2010 fir-rigward ta' tnejn mit-tliet kategoriji ta' prodotti tas-sajd koperti mir-Regolament (KE) Nru 815/2008. Il-kwantitajiet tad-deroga tqajmu skont dan għal 2 500 tunnellata għal qatħaq tal-Kavalli ppreparati u ppreservati u għal 875 tunnellata għal qatħaq tal-Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) ippreparati u ppreservati.
- (3) Permezz tal-ittra ddatata l-21 ta' Ottubru 2010 il-Kap Verde ressaq talba għal estensjoni ta' din id-deroga. B'ittri

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 220, 15.8.2008, p. 11.<sup>(4)</sup> ĠU L 266, 9.10.2010, p. 39.

ddatati t-3 u l-21 ta' Diċembru 2010, u l-14 ta' Jannar 2011 huwa ressaq informazzjoni komplementari b'appoġġ għal din it-talba.

- (4) It-talba hija estensjoni għal sena u volum ta' 2 500 tunnellata għal qatħaq tal-Kavalli ppreparati u ppreservati u għal 875 tunnellata għal qatħaq tal-Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) ippreparati u ppreservati.
- (5) Bejn l-2008 u l-2010 l-kwantitajiet annwali totali mogħiġ-tija oriġinalment ikkontribwixxew, sa ċertu punt sinifkanti, għat-titħbi tas-sitwazzjoni fis-settur għall-ipproċċessar tal-ħut u, sa ċertu punt, għat-tiġidid tal-flotta mhux industrijal tal-Kap Verde, li hija ta' importanza vitali għal dak il-pajjiż. Madankollu, sabiex il-flotta tal-Kap Verde tiġġedded kompletament għal-livell previst jeħtieġ żieda fil-kapaċità disponibbli sabiex tiġi pprovduta biżżejjed materja prima oriġinarja lill-industriji għall-ipproċċessar tal-ħut tal-Kap Verde.
- (6) It-talba turi li, mingħajr id-deroga, l-abbiltà tal-industrija tal-ipproċċessar tal-ħut tal-Kap Verde sabiex tkompli tesporta lejn l-Unjoni tista' tiġi affewwata b'mod sinifikanti, li tista' tkun ta' deterrent għal aktar żvilupp tal-flotta tal-Kap Verde għal sajd żgħir pelaġiku.
- (7) Id-deroga sservi biex tagħti lill-Kap Verde biżżejjed ħin sabiex iħejji lili nniflu sabiex jikkonforma mar-regoli għall-akkwist tal-oriġini preferenziali. Huwa meħtieġ perjodu sabiex jiġi żgurat li l-isforzi sabiex tiġġedded il-flotta tas-sajd lokali jibqgħu għaddejin u b'hekk il-Kap Verde ittejjeb l-abbiltà tiegħu li jipprovdli lis-settur lokali għall-ipproċċessar tal-ħut tal-Kap Verde.
- (8) Peress li l-estensjoni hija mitluba għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2011, sabiex tiġi żgurata kontinwitā tal-importazzjoni mill-Kap Verde lejn l-Unjoni, għandha tingħata deroga ġidha b'effetti retroattivi mill-1 ta' Jannar 2011.

- (9) Sabiex jingħata permess li d-deroga temporanja tīgħi limiata għall-perjodu meħtieġ sabiex il-Kap Verde jikseb konformità mar-regoli, id-deroga għandha tingħata għal perjodu ta' sena fir-rigward ta' 2 500 tunnellata għal qatħaq tal-Kavalli ppreparati u ppreservati u għal 875 tunnellata għal qatħaq tal-Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) ippreparati u ppreservati.
- (10) Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jistipula r-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Sabiex tkun żgurata l-ġestjoni effiċċenti b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-Kap Verde, l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni u l-Kummissjoni, dawk ir-regoli għandhom jaapplikaw mutatis mutandis għall-kwantitajiet importati skont id-deroga konċessa b'dan ir-Regolament.
- (11) Sabiex jiġi permess monitoraġġ aktar effiċċenti tal-operat tad-deroga, huwa meħtieġ li jiġi stipulat l-obbligu għall-awtoritajiet tal-Kap Verde, skont l-Artikolu 89(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, sabiex jibagħtu b'mod regolari lill-Kummissjoni dettalji taċ-ċertifikati ta'oriġini tal-Formola A li ngħataw.
- (12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Permezz tad-deroga mill-Artikoli 72, 73, 75 sa 79 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, il-kavalli, it-tumbrell u qatħaq tal-Tumbrell (Auxis Thazard u Auxis Rochei) bil-kodiċi NM 1604 15 11 u ex 1604 19 98 prodotti fil-Kap Verde minn ħut mhux oriġinanti għandhom jitqiesu bħala li jorġinaw fil-Kap Verde skont l-arranġamenti stipulati fl-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbi fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO*

#### *Artikolu 2*

Id-deroga stipulata fl-Artikolu 1 għandha tapplika għal prodotti esportati mill-Kap Verde u ddikjarati għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, fejn ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet spċificati fl-Artikolu 74 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011, sal-kwantitajiet elenkti fl-Anness meta mqabbla ma' kull prodott importat.

#### *Artikolu 3*

Il-kwantitajiet stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

#### *Artikolu 4*

1. L-awtoritajiet doganali tal-Kap Verde għandhom jieħdu l-passi neċċesarji sabiex iwettqu kontrolli kwantitattivi fuq l-esportazzjoni tal-prodotti elenkti fl-Artikolu 1.
2. Dan li ġej għandu jitniżżeł fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat tal-oriġini Formola A maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kap Verde skont dan ir-Regolament: “Deroga — Regolament (KE) Nru 439/2011”.
3. Kull tliet xħur l-awtoritajiet kompetenti tal-Kap Verde għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni tal-kwantitajiet li nhargħulhom ġċertifikati tal-oriġini Formola A skont dan ir-Regolament u n-numri ta ‘serje ta’ dawn iċ-ċertifikati.

#### *Artikolu 5*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

## ANNESS

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-merkanzija	Perjodu	Kwanità (fpiż nett ta' tunnellati)
09.1647	1604 15 11 ex 1604 19 98	Kavalli ( <i>Scomber Colias</i> , <i>Scomber Japonicus</i> , <i>Scomber Scombrus</i> ) qatħat, ippreparati jew ippreservati	1.1.2011 sal- 31.12.2011	2 500
09.1648	ex 1604 19 98	Tumbrell ( <i>Auxis thazard</i> , <i>Auxis Rochei</i> ) qatħat, ippreparati jew ippreservati	1.1.2011 sal- 31.12.2011	875

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 440/2011

tas-6 ta' Mejju 2011

**dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa fuq prodotti tal-ikel u li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (<sup>(1)</sup>), u partikolarmen l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq l-ikel huma pprojbiti sakemm dawn ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni b'konformità ma' dak ir-Regolament u sakemm ma jkunux inklużi flista ta' indikazzjonijiet permessi.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa jistgħu jiġu sottomessi minn operaturi tan-negozju tal-ikel lill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tressaq applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel (EFSA), minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".

(3) Wara li tirċievi applikazzjoni, l-Awtorità għandha tgħarraf bla dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni, u tipprovdi opinjoni firrigward tal-indikazzjoni dwar is-saħħa kkonċernata.

(4) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa filwaqt li tqis l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità. Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġu emendati l-listi tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa għandha tinkludi d-dettalji msemmija fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 inklużi, *inter alia* u skont il-każ, il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu.

(5) It-tmien opinjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament huma marbuta mal-applikazzjonijiet għal indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jirreferu għall-effetti tal-acċidi grassi essenziali fuq l-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, kif imsemmi fl-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

(6) Wara tliet applikazzjonijiet minn Mead Johnson & Company, imressqa fid-19 ta' Jannar 2008 skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u li jitbolu l-protezzjoni ta' dejta li hija proprjetà industrijali għal dsatax-il studju, l-Awtorità ntalbet tagħti tliet opinjonijiet dwar indikazzjonijiet dwar is-saħħa relatati mal-effetti tal-acċidi dokosaeż-żanoju (DHA) u l-acċidu arakidoniku (ARA) fuq l-iżvilupp viżiv (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-211) <sup>(2)</sup>, EFSA-Q-2008-688 <sup>(3)</sup> u EFSA-Q-2008-689 <sup>(4)</sup>). L-indikazzjonijiet proposti mill-applikant kienu jgħidu dan li ġej, rispettivament: "Id-DHA u l-ARA jikkontribbwixxu għall-aħjar żvilupp viżwali tat-trabi u tfal żgħar", "Il-Lipil® jikkontribbwixxi għall-iżvilupp viżwali ottimali tat-trabi u tfal żgħar" u "L-Enfamil® Premium jikkontribbwixxi għall-iżvilupp viżwali ottimali tat-trabi". Il-Lipil® u l-Enfamil® Premium, kif indikat mill-applikant, fihom id-DHA u l-ARA flivelli u proporzjon speċifiċi.

(7) Abbażi tad-dejta mressqa, l-Awtorità kkonkludiet fl-opinjonijiet tagħha li waslu għand il-Kummissjoni fit-13 ta' Frar 2009 u fit-23 ta' Marzu 2009 rispettivament li ġiet stabilita relazzjoni bejn il-kawża u l-effett bejn it-teħid tal-ħalib tat-trab tat-trabi u ħalib tat-trab ta' segwiment issupplimentati bid-DHA u l-iżvilupp viżwali fit-trabi li jew ikunu mreddgħa sakemm jinfatmu jew li jkunu ingħataw trab bid-DHA li jkun fi 0,3 % ta' aċċidi grassi fil-forma ta' DHA mit-tweli sakemm jinfatmu. L-Awtorità innutat li, li kieku ma kkunsidratx seba' studji li l-applikant iddikjara li kienu proprjetarji, ma kinitx se tasal għal din il-konklużjoni. Barra minn hekk, l-Awtorità kkonkludiet li r-relazzjoni ta' kawża u effett ma ġietx stabilita bejn it-teħid tal-ARA u l-effett indikat.

(8) Fit-tweġibiet tal-Awtorità tat-3 ta' Settembru 2009 għall-kummenti li waslu skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u tat-3 ta' Diċembru 2009 għatalba tal-Kummissjoni għal parir li jirrigwarda *inter alia* l-applikazzjonijiet imsemmija fil-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-211, EFSA-Q-2008-688 u EFSA-Q-2008-689, ġie konkużi li l-effett indikat jista' jiġi estiż għall-ikel maħsub

<sup>(2)</sup> The EFSA Journal (2009), 1003, 1-8.

<sup>(3)</sup> The EFSA Journal (2009), 941, 1-14.

<sup>(4)</sup> The EFSA Journal (2009), 1004, 1-8.

- għat-trabi filwaqt li jkunu qegħdin jinfatmu, kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE<sup>(1)</sup>). Għaldaqstant u bla ħsara għad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup> u d-Direttivi spċifici applikabbli lil ċerti grupp ta' oggetto tal-ikel għal użi nutrizzjoni partikolari, indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni u akkumpjanata minn kundizzjonijiet spċifici dwar l-użu għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandha tiddaħħal fil-lista tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet li huma permessi.
- (9) Wara li rēviet l-opinjonijiet tal-Awtoritā frabta mal-applikazzjonijiet imsemmijin fl-opinjonijiet tal-Awtoritā Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-211, Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-688 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-689, il-Kummissjoni talbet iktar kjarifikasi lill-applikant dwar il-ġustifikazzjoni mogħtija fir-rigward tas-seba' studji ddik-jarati bħala proprietà industrijali u partikolarmen dwar "id-dritt esklussiv ta' referenza" kif imsemmi fl-Artikolu 21(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Kull informazzjoni ġustifikabbli pprovduta mill-applikant għet-ivvalutata. Billi s-seba' studji kollha kienu ġew ippubblikati qabel ma tressqu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa, u fid-dawl tal-ghannejet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, li fosthom hemm il-protezzjoni tal-investiment li sar mill-innovaturi fil-ġbir tal-informazzjoni u d-dejta b'appogġġ ta' applikazzjoni skont dak ir-Regolament, il-protezzjoni tagħhom mhixiex iġġustifikata u għaldaqstant, ma għandhiex tingħata.
- (10) Wara applikazzjoni minn Merck Selbstmedikation GmbH, imressqa fis-16 ta' Jannar 2008 skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtoritā ntalbet tagħi opinjoni dwar indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tad-DHA fuq l-iżvilupp viżiv tat-tarbija fil-ġuf u tat-tarbija mredda' (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-675)<sup>(3)</sup>. L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Id-DHA huwa importanti għall-ewwel żvilupp tal-moħħ tal-fetu (it-tarbija fil-ġuf) u fit-trabi. Il-provvista ta' DHA lill-omm tikkontribwixxi għall-iżvilupp viżiv tal-wild".
- (11) Abbażi tad-dejta ppreżentata, fl-opinjoni li waslet għand il-Kummissjoni fit-23 ta' April 2009, l-Awtoritā kkonkludiet li ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex tiġi stabilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum ta' DHA supplimentari matul it-tqala u t-treddiġ u l-iżvilupp viżiv fit-tarbija fil-ġuf jew fit-trabi mredda'.
- (12) Wara li saret applikazzjoni minn Merck Selbstmedikation GmbH, imressqa fis-16 ta' Jannar 2008 skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtoritā ntalbet tagħi opinjoni dwar indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tad-DHA fuq l-iżvilupp konjittiv (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-773)<sup>(4)</sup>. L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Id-DHA huwa importanti għall-ewwel żvilupp tal-moħħ tal-fetu (it-tarbija fil-ġuf) u tat-trabi. L-ġhoti ta' DHA lill-omm jikkontribwixxi għall-iżvilupp konjittiv tal-wild".
- (13) Abbażi tad-dejta ppreżentata, fl-opinjoni li waslet għand il-Kummissjoni fit-23 ta' April 2009, l-Awtoritā kkonkludiet li ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex tiġi stabilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum ta' DHA supplimentari matul it-tqala u t-treddiġ u l-iżvilupp konjittiv fit-trabi fil-ġuf jew fit-trabi mredda'.
- (14) Madankollu, fit-tweġibiet tal-Awtoritā tal-4 ta' Awwissu 2009 għall-kummenti li waslu skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u tat-3 ta' Diċembru 2009 għal talba mill-Kummissjoni għal parir irrelatat *inter alia* għal applikazzjoni spċċi imsemmi fil-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-675 u EFSA-Q-2008-773, ġie konkuż li billi d-DHA huwa aċidu grass poliinsurat b'katina twila strutturali u funzjonal maġġuri, jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp normali tal-moħħ u għall-żebbu normali ta' għajnejn it-tarbija fil-ġuf jew it-trabi mredda'. Barra minn hekk, kien ikkjarifikat li l-biċċa l-kbira tad-DHA li jingħata lit-trabi mredda' permezz tal-ħalib tas-sider li fih il-konċentrazzjoni tad-DHA hija dipendenti kemm fuq il-konsum djetetiku tad-DHA maternali kif ukoll fuq dak id-DHA li jintrefa' fl-omm. Għaldaqstant, indikazzjoni dwar is-saħħa li jirriflettu din il-konklużjoni għandhom jitqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandhom jiddaħħlu fil-lista tal-Unjoni ta' indikazzjoni jiet li huma permessi.
- (15) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistabbilixxi li opinjoni favur l-awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni dwar is-saħħa għandha tħinkludi ġerti dettalji. Għaldaqstant, dawk id-dettalji għandhom jiġu stipulati fl-Anness tar-Regolament preżenti fir-rigward tal-indikazzjoni awtorizzata u għandhom jinkludu, skont il-każ, ir-reviżjoni tal-klieb tal-indikazzjoni, il-kundizzjoni spċċi rigward l-użu tal-indikazzjoni, u, fejn jaapplikaw, il-kundizzjoni jew ir-restrizzjoni tal-użu tal-ikel u/jew indikazzjoni jew twissija addizzjonal, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u b'mod konformi mal-opinjoni jiet tal-Awtoritā.

<sup>(1)</sup> ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21.

<sup>(3)</sup> The EFSA Journal (2009), 1006, 1-12.

<sup>(4)</sup> The EFSA Journal (2009), 1007, 1-14.

- (16) Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa li jiġura li l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jkunu veri, ċari u kredibbli, u siewja għall-konsumatur, u li l-mod kif jitpoġġa l-kliem u l-preżentazzjoni jitqiesu f'dan ir-rigward. Għalhekk, meta l-kliem tal-indikazzjoni jkollu l-istess tifsira għall-konsumaturi bħal dak f'indikazzjoni dwar is-saħħa awtorizzata, għaliex juri l-istess relazzjoni li teżisti bejn kategorija tal-ikel, tip ta' ikel jew wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa, dawn għandhom ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet tal-użu indikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (17) Wara applikazzjoni mingħand Mead Johnson & Company, imressqa fid-19 ta' Jannar 2008 skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtoritāt ntalbet tagħti opinjoni dwar stqarrija dwar is-saħħa relatata mal-effetti tad-DHA u l-ARA fuq l-iżvilupp tal-moħħ (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-212 <sup>(1)</sup>, EFSA-Q-2008-690 <sup>(2)</sup> u EFSA-Q-2008-691 <sup>(3)</sup>). L-indikazzjonijiet proposti mill-applikant kienu jgħidu dan li ġej, rispettivament: "Id-DHA u l-ARA jikkontribbwixxu għall-aħjar żvilupp tal-moħħ tat-trabi u t-tfal żgħar", "Il-Lipil® jikkontribbwixxi għall-aħjar żvilupp tal-moħħ tat-trabi u t-tfal żgħar" u "L-Enfamil® Premium jikkontribbwixxi għall-aħjar żvilupp tal-moħħ tat-trabi u tħal". Il-Lipil® u l-Enfamil® Premium kif indikat mill-applikant fihom id-DHA u l-ARA flivelli u proporzjon speċifiċi.
- (18) Abbażi tad-dejta ppreżentata, fl-opinjoni li waslet għand il-Kummissjoni fit-23 ta' April 2009, l-Awtoritāt kkonkludiet li ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex tiġi stabilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-ARA, il- Lipil® u l-Enfamil® Premium, rispettivament, u l-effett indikat.
- (19) Fit-tweġibet tal-Awtoritāt tat-3 ta' Settembru 2009 għall-kummenti li wasslu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u tat-3 ta' Diċembru 2009 għal talba mill-Kummissjoni għal parir irrelatat *inter alia* mal-applikazzjonijiet imsemmija fil-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-690, EFSA-Q-2008-691 u EFSA-Q-2008-212, ġie konkluż li billi d-DHA huwa aċċidu grass poliinsurat b'katina twila strutturali u funzjonalni maġġuri, jista' jikkontribbwixxi għall-iżvilupp normali tal-moħħ u għall-iżvilupp normali tat-tarbija fil-ġuf, tat-trabi u tat-tfal żgħar. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkunsidraw jekk għandhiex tiġi awtorizzata indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni. Madankollu, abbażi tad-dejta m'ressqa fit-tliet applikazzjonijiet u tal-għarfien xjentifiku attwali, l-Awtoritāt ma setgħetx tipprovd parir xjentifiku dwar il-kundizzjonijiet xierqa tal-użu li għandhom jakkumpanjaw din l-indikazzjoni dwar is-saħħa. Għaldaqstant, billi l-maniġers tar-riskju ma setgħux jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u billi n-nuqqas ta' tali kundizzjonijiet speċifiċi ta' użu jfisser li l-effett beneficijal tal-prodott ma setax ikun żgur, li jwassal biex jiżgħida lill-kunsumatur, din l-indikazzjoni dwar is-saħħa ma għandhiex tiddaħħal fil-listi ta' indikazzjoni dwar is-saħħa permessi.
- (20) Hija u tistabbilixxi l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni qieset il-kummenti mingħand l-applikanti u l-membri tal-pubbliku li rċeviet skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Il-Kummissjoni qieset ukoll il-parir kollu rilevanti mingħand l-Awtoritāt, inklużi l-opinjoni dwar l-ittikkettar għall-Valuri ta' referenza għall-konsum tal-aċċidi grassi poliinsurat n-3 u n-6 (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2009-00548 <sup>(4)</sup>) u dwar il-valuri ta' referenza għall-konsum tax-xaħam inklużi l-aċċidi grassi saturati, l-aċċidi grassi poliinsurat, l-aċċidi grassi monoinsurat, l-aċċidi grassi *trans*, u l-kolesterol (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-466 <sup>(5)</sup>).
- (21) Skont l-Artikolu 28(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa m-semmija fl-Artikolu 14(1)(b) u li ma jkunx awtorizzati minn deċiżjoni segwenti għall-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistgħu jibqgħu jintużaw għal sitt xħur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, sakemm l-applikazzjoni tkun saret qabel id-19 ta' Jannar 2008. Barra minn hekk, il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fl-Artikolu huwa applikabbli għall-indikazzjoni dwar is-saħħa elenkti fl-Anness II għal dan ir-Regolament.
- (22) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. L-indikazzjonijiet dwar is-saħħa stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jistgħu jsiru dwar ogħġetti tal-ikel fis-suq tal-Unjoni Ewropea skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.
2. L-indikazzjonijiet dwar is-saħħa m-semmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu inklużi flista ta' indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

<sup>(1)</sup> The EFSA Journal (2009), 1000, 1-13.<sup>(2)</sup> The EFSA Journal (2009) 1001, 1-8.<sup>(3)</sup> The EFSA Journal (2009) 1002, 1-8.<sup>(4)</sup> The EFSA Journal (2009), 1176, 1-11.<sup>(5)</sup> The EFSA Journal 2010; 8(3) 1461.

*Artikolu 2*

1. L-indikazzjonijiet dwar is-sahħha stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiddaħħlu fil-lista Komunitarja ta' indikazzjonijiet permessi kif previst fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

2. Madankollu, dawn jistgħu jibqgħu jintużaw għal sitt xħur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

## ANNESS I

## Indikazzjonijiet dwar is-saħħa li huma permessi

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Applikant – Indirizz	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet tal-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet fuq l-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1)(b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	Mead Johnson & Company, 3 rue Joseph Monier-BP 325, 92506 Rueil-Malmaison Cedex, Franzja	Aċidu Dokosaežanojku (DHA)	It-teħid tal-Aċidu Dokosaežanojku (DHA) jikkontribwixxi għall-iżvilupp normali viżwali ta' trabi sa-12-il xahar	Għandu jingħata tagħrif lill-konsumaturi li l-effett beneficijal jinkiseb permezz ta' doża ta' kuljum ta' 100 mg ta' DHA.  Meta tintuża l-indikazzjoni għat-trab tal-ħalib ta' segwiment, l-ikel għandu jkun fi mill-inqas 0,3 % DHA mill-äċidi grassi totali.		Q-2008-211, Q-2008-688, Q-2008-689
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1)(b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	Merck Selbstmedikation GmbH, Roesslerstrasse 96, 64293 Darmstadt, Il-Ġermanja	Aċidu Dokosaežanojku (DHA)	It-teħid tal-Aċidu Dokosaežanojku (DHA) jikkontribwixxi għall-iżvilupp normali ta' għajnejn it-trabi fil-għuf jew mredda'.	Għandu jingħata tagħrif lin-nisa tqal jew li qed ireddgħu li l-effett beneficijal jinkiseb permezz ta' doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' DHA minbarra t-teħid rakkomandat ta' kuljum għall-äċidi grassi tal-omega-3 għall-adulti, jiġifieri 250 mg DHA u Aċidu Ejkosapentaenojku (EPA).  L-indikazzjoni li tista' tintuża biss għall-ikel li jipprovi doa ta' kuljum ta' mill-inqas 200 mg DHA.		Q-2008-675
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1)(b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	Merck Selbstmedikation GmbH, Roesslerstrasse 96, 64293 Darmstadt, Il-Ġermanja	Aċidu Dokosaežanojku (DHA)	It-teħid tal-Aċidu Dokosaežanojku (DHA) fil-ġuf tal-omm jikkontribwixxi għall-iżvilupp normali tal-moħħ tat-trabi fil-ġuf u tat-trabi mredda'	Għandu jingħata tagħrif lil nisa tqal jew li qed ireddgħu li l-effett beneficijal jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' DHA minbarra d-doża ta' kuljum irakkomanda għall-äċidi grassi omega-3 għall-adulti, jiġifieri: 250 mg DHA u EPA.  L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal-ikel li jipprovi doa ta' kuljum ta' mill-inqas 200 mg DHA.		Q-2008-773

## ANNESS II

**Indikazzjonijiet dwar is-sahha rrifjutati**

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1)(b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	L-Aċidu Dokosaežanojku (DHA) u l-Aċidu Arakidoniku (ARA)	L-Aċidu Dokosaežanojku (DHA) u l-Aċidu Arakidoniku (ARA) jikkontribwx Xu għall-aħjar żvilupp tal-moħħ tat-trabi u t-tfal żgħar.	Q-2008-212
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1)(b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	Lipil®	Il-Lipil® jikkontribwixxi għall-aħjar żvilupp tal-moħħ tat-trabi u tat-tfal żgħar.	Q-2008-690
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1)(b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	Enfamil® Premium	L-Enfamil® Premium jikkontribwixxi għall-aħjar żvilupp tal-moħħ tat-trabi u tfal żgħar.	Q-2008-691

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) NRU 441/2011****tas-6 ta' Mejju 2011**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-setturi tal-frott u ħxejjex <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Mejju 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2011.

Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ  
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNESS

## il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (¹)	Valur fissi tal-importazzjoni
0702 00 00	JO	78,3
	MA	36,3
	TN	109,4
	TR	84,5
	ZZ	77,1
0707 00 05	TR	117,7
	ZZ	117,7
0709 90 70	MA	86,8
	TR	125,3
	ZZ	106,1
0709 90 80	EC	27,0
	ZZ	27,0
0805 10 20	EG	45,8
	IL	61,0
	MA	46,8
	TN	57,6
	TR	69,5
0805 50 10	ZZ	56,1
	TR	48,5
0808 10 80	ZZ	48,5
	AR	80,9
	BR	69,2
	CL	83,1
	CN	95,4
	MA	86,7
	NZ	107,6
	US	133,4
	UY	66,1
	ZA	79,2
	ZZ	89,1

(¹) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrapreżenta "oriġini oħra".

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL 2011/270/PESK

tal-5 ta' Mejju 2011

**li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo<sup>(1)</sup>**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Ġunju 1999, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1244.

(2) Fil-15 ta' Settembru 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/623/PESK<sup>(2)</sup> dwar l-istabbiliment ta' skwadra biex tikkontribwixxi għall-preparazzjonijiet tal-istabbiliment ta' Uffiċċju Ċivili Internazzjonali possibbi fil-Kosovo, inkluż komponent tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (Grupp ta' Preparazzjoni UCI/RSUE).

(3) Fit-13/14 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill Ewropew issotto-linja li l-Unjoni tinsab lesta li jkollha rwol ċentrali fit-tisħiħ tal-istabbiltà fir-reġjun u fl-implementazzjoni ta' soluzzjoni li tiddefinixxi l-istatus futur tal-Kosovo. Huwa ddikjara li l-Unjoni tinsab lesta sabiex tassisti lill-Kosovo fil-mixja lejn l-istabbiltà sostenibbli, anke permezz ta' missjoni tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) u ta' kontribut għall-Uffiċċju Ċivili Internazzjonali bħala parti mill-preżenzi internazzjonali.

(4) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/123/PESK<sup>(3)</sup> li taħtar lis-Sur Pieter FEITH bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo, li l-mandat tiegħu jiskadi fit-30 ta' April 2011.

(5) Is-Sur Fernando GENTILINI għandu jinħatar bħala RSUE fil-Kosovo mill-1 ta' Mejju 2011 sal-31 ta' Lulju 2011.

(6) Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huwa l-qafas strateġiku għall-politika tal-Unjoni lejn ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent, u l-instrumenti tiegħu japplikaw għall-Kosovo, inklużi sħubija Ewropea, djalogu politiku

u tekniku bħala parti mid-djalogu tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u programmi relatati ta' assistenza mill-Unjoni.

(7) Il-mandat tar-RSUE ser jiġi implementat f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata konsistenza ma' attivitajiet rilevanti oħra li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-Unjoni.

(8) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

### ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

#### Artikolu 1

#### **Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Is-Sur Fernando GENTILINI huwa b'dan maħturi bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo mill-1 ta' Mejju 2011 sal-31 ta' Lulju 2011. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq rakkoman-dazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

#### Artikolu 2

#### **Objettivi ta' politika**

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi ta' politika tal-Unjoni fil-Kosovo. Dawn jinkludu r-rwol ċentrali tiegħu fit-tisħiħ tal-istabbiltà fir-reġjun u fl-implementazzjoni ta' soluzzjoni li tiddefinixxi l-istatus futur tal-Kosovo, bil-għan ta' Kosovo li jkun stabbli, vijabbli, paċifiku, demokratiku u multi-ethniki, li jikkontribwixxi għal kooperazzjoni u stabbiltà reġionali, abbażi ta' relazzjoni jiet tajba mal-għien; ta' Kosovo li jkun impenjat għall-istat tad-dritt u għall-protezzjoni tal-minoritajiet u tal-wirt kulturali u reliġiūż.

#### Artikolu 3

#### **Mandat**

Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) joffri l-konsulenza u l-appoġġ tal-Unjoni fil-proċess politiku;

(b) jiġi promovi koordinazzjoni politika ġenerali tal-Unjoni fil-Kosovo;

<sup>(1)</sup> Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

<sup>(2)</sup> ĠU L 253, 16.9.2006, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU L 42, 16.2.2008, p. 88.

- (c) jipprovi gwida politika lokali lill-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO), anke dwar l-aspetti politiċi ta' kwistjonijiet relatati ma' responsabbilitajiet eżekuttivi;
- (d) jiġgura l-konsistenza u l-koerenza tal-azzjoni tal-Unjoni lejn il-pubbliku. Il-kelliem tar-RSUE għandu jkun il-punt ta' kuntatt prinċipali tal-Unjoni għall-media fil-Kosovo dwar kwistjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni/Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PESK/PSDK). Kull attivitā tal-istampa u ta' informazzjoni pubblika għandha titwettaq f'koordinazzjoni mill-qrib u kontinwa mal-kelliem tar-RGħ/mal-Ufficċċu tal-Istampa tas-Segretarjat tal-Kunsill;
- (e) jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-Kosovo, anke fir-rigward tan-nisa u t-fal, konformement mal-politika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Unjoni u mal-Linji Gwida tal-Unjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

#### Artikolu 4

##### **Implimentazzjoni tal-mandat**

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbi għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tar-RGħ.
2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jżomm kollegament privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt ta' kuntatt primarju tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovi gwida strateġika u direzzjoni politika lir-RSUE fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-RGħ.
3. Ir-RSUE għandu jaħdem fkoordinazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

#### Artikolu 5

##### **Finanzjament**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-periġodu mill-1 ta' Mejju 2011 sal-31 ta' Lulju 2011 għandu jkun ta' EUR 690 000.
2. In-nefqa għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent għandhom ikunu permessi jitfġu offerti għal kuntratti.
3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun suġġetta għal kuntrattat bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jkun responsabbi quddiem il-Kummissjoni għal kull infiq.

#### Artikolu 6

##### **Struttura u kompożizzjoni tal-iskwadra**

1. Għandu jiġi assenjat persunal ddedikat lir-RSUE biex jimplimenta l-mandat tiegħu u biex jikkontribwixxi għall-koerenza, il-viżibbiltà u l-effettività tal-azzjoni globali tal-Unjoni fil-Kosovo. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-meżżi finanzjarji

korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbi mill-istruttura tal-iskwadra tiegħu. L-iskwadra għandha tinkludi konsulenza esperta dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika kif meħtieġ mill-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni infurmati fil-pront dwar il-kompożizzjoni tal-iskwadra tiegħu.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjoni jipprova l-issekondar ta' persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' tali persunal issekondat għandu jkun kopert mill-Istat Membru, mill-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni jew mis-SEAE, rispettivament. L-esperti ssekondati mill-Istati Membri mal-istituzzjoni jipprova l-issekondar ta' persunal internazzjonali b'kuntratt għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

3. Il-persunal kollu ssekondat għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrativa tal-Istat Membru, tal-istituzzjoni tal-Unjoni jew tas-SEAE li jibagħtu u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

#### Artikolu 7

##### **Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u l-persunal tiegħu**

Il-privileġji, immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-tlestitja u l-funzjonament bla tħixxil tal-missjoni tar-RSUE u tal-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu mifteħmin mal-parti/partijiet ospitanti skont il-każ. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan il-għan.

#### Artikolu 8

##### **Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata**

1. Ir-RSUE u l-membri tal-iskwadra tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-istandardi minimi ta' sigurtà stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti tal-Kunsill rigward is-sigurtà (¹), b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.
2. Ir-RGħ għandu l-awtorità sabiex jirrilaxxa lin-NATO/KFOR informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "CONFIDENTIEL UE" ggħġenerati għall-finijiet tal-azzjoni, skont ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill.
3. Ir-RGħ huwa awtorizzat biex jirrilaxxa lin-Nazzjonijiet Uniti (NU) u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), skont il-ħtiġijiet operattivi tar-RSUE, informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTRICTED" li jiġu ggħġenerati għall-finijiet tal-azzjoni, skont ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. Għandhom jiġu mfassla arranġamenti lokali għal dan il-għan.
4. Ir-RGħ huwa awtorizzat jirrilaxxa lil partijiet terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni dokumenti mhux klassifikati tal-UE li jkunu relatati mad-deliberazzjoni jipprova l-iskwadra tiegħi l-azzjoni koperta mill-obbliġu tas-segretezza professjonal skont l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (²).

(¹) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

(²) Id-Deċiżjoni 2009/937/KE li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

**Artikolu 9****Aċċess għal informazzjoni u appoġġ loġistiku**

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li jingħata aċċess lir-RSUE għal kwalunkwe informazzjoni relevanti.
2. Id-delegazzjoni tal-Unjoni u/jew l-Istati Membri, skont il-każ, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

**Artikolu 10****Sigurtà**

Skont il-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra mill-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri prattikkabbli rägħonevoli kollha, fkonformità mal-mandat tiegħu u mas-sitwazzjoni ta' sigurtà fiż-żona ġeografika taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, partikolarmen billi:

- (a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà li jkun speċifiku għall-missjoni, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiż-żičċi, organizzatti u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, li jirregolaw l-immaniġġar tal-movement mingħajr periklu tal-persunal lejn, u ġewwa, iż-żona tal-missjoni, kif ukoll l-immaniġġar ta' inċidenti ta' sigurtà u li jinkludi pjan ta' kontinġenza u ta' evakwazzjoni tal-missjoni;
- (b) jiżgura li l-persunal kollu skjerat barra mill-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli kif meħtieġ mill-kondizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;
- (c) jiżgura li l-membri kollha tal-iskwadra tiegħu li jkunu ser jiġi skjerati barra l-Unjoni Ewropea, inkluż persunal ikkun-trattat lokalment, ikunu rċevel taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jaslu fiż-żona tal-missjoni jew kif jaslu, abbażi tal-klassifikazzjonijiet tar-riskju assenjati liż-żona tal-missjoni;
- (d) jiżgura li jiġi implementati r-rakkomandazzjonijiet mifteħmin kollha, magħmula wara valutazzjonijiet regolari ta' sigurtà, u jippreżenta lir-RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapporti bil-miktub dwar l-implementazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapport intermedju u tar-rapport dwar l-implementazzjoni tal-mandat.

**Artikolu 11****Rapporṭar**

Ir-RSUE għandu jipprovdī regolarmen lir-RGħ u lill-KPS rapporti orali u bil-miktub. Ir-RSUE għandu jippreżenta wkoll rapport, kif meħtieġ, lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Rapporti regolari bil-miktub għandhom jiġi ċċirkolati permezz tan-network COREU. Fuq ir-rakkomandazzjoni tar-RGħ jew tal-KPS, ir-RSUE jista' jipprovdī rapporti lill-Kunsill Affarijet Barranin.

**Artikolu 12****Koordinazzjoni**

1. Ir-RSUE għandu jippromwovi l-koordinazzjoni politika ġenerali tal-Unjoni. Huwa għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-instrumenti kollha tal-Unjoni fuq il-post ikunu użati b'mod koerenti biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni. L-aktivitajiet tar-RSUE għandhom jiġi kkoordinati ma' dawk tal-Kummissjoni, kif ukoll ma' dawk ta' RSUE oħrajn li jkunu attiv fir-reġjun skont il-każ. Ir-RSUE għandu jipprovdi informazzjoni regolari lill-missionijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

2. Fuq il-post, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjun u mal-Kapijiet tal-Missjoni tal-Istati Membri. Huma għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jgħinu lir-RSUE fl-implementazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE għandu jipprovdi gwida politika lokali lill-Kap tal-EULEX KOSOVO, anke dwar l-aspetti politiċi ta' kwistjonijiet relatati ma' responsabbiltajiet eżekkutti. Ir-RSUE u l-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili ser jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

3. Ir-RSUE għandu wkoll iżomm kollegament ma' aġenzi lokali rilevanti u ma' atturi internazzjonali u regionali oħra fuq il-post.

4. Ir-RSUE, flimkien ma' atturi tal-Unjoni oħra preżenti fuq il-post, għandu jiżgura t-tixrid u l-kondivizijni ta' informazzjoni bejn l-atturi tal-Unjoni fuq il-post bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' għarfiem komuni dwar is-sitwazzjoni u ta' valutazzjoni komuni.

**Artikolu 13****Reviżjoni**

L-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħrajn mill-Unjoni lir-reġjun għandhom jiġi riveduti regolarmen. Ir-RSUE għandu jippreżenta lir-RGħ, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport kompreensiv dwar l-implementazzjoni tal-mandat fi tmiem il-mandat.

**Artikolu 14****Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2011.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

## DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' April 2011

**dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-infiq  
iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-İżvilupp Rurali (FAEŻR) għas-sena finanzjarja 2010**

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 2927)

(2011/271/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (<sup>(1)</sup>), u b'mod partikulari l-Artikoli 30 u 33 tiegħi,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni, abbażi tal-kontijiet annwali mressqa mill-Istati Membri, flimkien mat-tagħrif meħtieġ għall-approvazzjoni tal-kontijiet u ċertifikat rigward l-integralità, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet u rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, taprova il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.
- (2) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula l-modlitajiet ta' implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, rigward iż-żamma tal-kotba tal-aġenziji tal-ħlas [tal-pagamenti], id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż [infiq] u tad-dħul u l-kundizzjonijiet tal-infiq għar-rimborż skont il-FAEG u l-FAEŻR (<sup>(2)</sup>), is-sena finanzjarja għall-kontijiet tal-FAEG tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena N-1 u tispiċċa fil-15 ta' Ottubru tas-sena N. Fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet, sabiex jiġi alinjal il-perjodu ta' referenza għall-infiq tal-FAEŻR ma' dak tal-FAEG, għandha titqies is-sena finanzjarja 2010 tal-infiq imġarrab mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2009 u l-15 ta' Ottubru 2010.
- (3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju

2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijet oħrajin u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (<sup>(3)</sup>) jistipula li l-ammonti li jistgħu jiġi rkuprati mingħand, jew imħalla lil kull Stat Membru, skont id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament imsemmi, għandhom jiġi stabbiliti billi jitnaqqus l-pagamenti intermedji fir-rigward tas-sena finanzjarja kkonċernata mill-infiq rikonoxxut għal l-istess sena skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-pagament intermedju li jkun imiss jew iżżejju miegħu.

(4) Il-Kummissjoni vverifikat it-tagħrif li ressqu l-Istati Membri u kkomunikat is-sejbiet li għamlet mill-verifikasi lill-Istati Membri qabel il-31 ta' Marzu 2011, flimkien mal-emendi meħtieġa.

(5) Il-kontijiet annwali u d-dokumenti ancillary jippermettu li l-Kummissjoni tieħu, għal ċerti aġenziji tal-pagamenti, deċiżjoni dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali mressqa. L-Anness I jelenka l-ammonti approvati mill-Istat Membri u l-ammonti li għandhom jiġi rkuprati mingħand l-Istati Membri jew imħalla lill-Istati Membri.

(6) It-tagħrif imressaq minn ċerti aġenziji tal-pagamenti oħra jesīġi li jsir aktar sħarriġ u l-kontijet tagħhom ma jistgħux jiġi approvati f'din id-Deċiżjoni. L-Anness II jelenka l-aġenziji tal-pagamenti konċernati.

(7) Skont l-Artikolu 33(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji li joħorġu min-nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet għandhom jithallu mill-Istat Membri kkonċernat jekk l-irkupru ta' dawk l-irregolaritajiet ma jkunx sar qabel l-għeluq tal-programm ta' żvilupp rurali fi żmien erba' snin mis-sejba primarja amministrativa jew ġudizzjarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qratni nazzjonali, jew meta jagħlaq il-programm jekk dawk l-iskadenzi jagħlqu qabel jagħlaq il-programm stess. L-Artikolu 33(4) tar-Regolament imsemmi jobbliga lill-Istati Membri biex jissottomettu lill-Kummissjoni, rapport fil-qosor dwar il-proċeduri tal-irkupru meħħuda

<sup>(1)</sup> ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90.

